# IL FUQ MIĊ-ĊPAR

Iċ-ċpar qed jgħatti kollox,
  is-sema, l-baħar, l-art;
Sultan il-jum fix-xefaq
  idandan b'ħafna ward
ma jista' d-dehra tiegħu;
  imdagħdagħ għal daċ-ċpar
qed jaħli saħħtu kollha:
  iħammar kollox nar.

Ma, l'fuq miċ-ċpar isimgħu,
  mitlufa fis-smewwiet
tfesdaq il-bilbla l-għana,
  bħal xita ta' ħlewwiet;
fis-saltna kaħlanija
  tiġri, timraħ bla serħ;
il fuq mill-art, waħdiena,
  dik qalbha tfur bil-ferħ.

Il fuq, il fuq, qalb tiegħi!
  dlonk ċarrat il-għollîq,
li jorbtok ma' did-dinja
  ta' biki, għali, ilfîq;
il fuq mill-qtajja' fiergħa
  ikollok ftit tas-serħ;
fi ħsiebek waħdenija,
  isaltan fik il-ferħ.

24-II-38 B.